**25 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Franco Busuttil *noe*

*versus*

Anthony Mallia

**Bejgħ – Prezz – Pagament – Ħlas – Obbligazzjoni – Novazzjoni ta'**

*Kawża għal rekuperu ta' bilanċ ta' prezz. L-ammont ma kienx in kwistjoni iżda l-identità tad-debitur għaliex il-konvenut eċċepixxa li kienet saret novazzjoni. Il-Qorti sabet illi n-novazzjoni allegata ma kinitx saret u konsegwentement laqgħet limitatament it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa biegħ u kkonsenja lill-konvenut oġġetti ta' l-ikel għall-valur ta' Lm486.92,0 (erbgħa mija u sitta u tmenin lira maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu) liema ammont sal-lum għadu l-bilanċ pendenti;

Billi għalkemm il-konvenut ġie interpellat permezz ta' ittra legali ddatata 13 ta' Frar 1992 u ta' ittra uffiċjali ddatata 17 ta' Marzu 1992 huwa baqa' inadempjenti;

Billi l-ammont huwa ċert likwidu u dovut u jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-artikolu 167 – 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att Affidavit immarkat Dok. A a tenur ta' l-istess artikolu tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-istess attur *nomine* talab li din il-Qorti:

1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti b'dispensa għas-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna 'l-konvenut li jħallas is-somma ta' Lm486.92,0 rappresentanti l-bilanċ dovut fuq merkanzija

mibjugħa lill-konvenut mill-attur *nomine;*

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra legali ddatata 13 ta' Frar 1992u ta' l-ittra uffiċjali ddatata 17 ta' Marzu 1992, u tal-Mandati ta' Sekwestru u Impediment ta' Safar li qed jiġu ppreżentati kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imgħax legali mid-data tal-konsenja sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat il-verbal irreġistrat fl-udjenza ta' l-4 ta' Ġunju 1992 li bih il-konvenut ġie awtorizzat jikkontesta l-kawża;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anthony Mallia li biha eċċepixxa:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huwa m'għandu jagħti xejn lill-attur *nomine* u *se mai* huwa Joseph Schiavone li huwa debitur ta' l-attur *nomine;*

Eżaminat il-provi li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Irriżulta li s-soċjetà attriżi biegħet u kkonsenjat lill-kovnenut kwantità ta' merċi waqt li dan kien jiġġestixxi l-bottegin tal-każin tal-Banda ta' San Ġużepp tal-Ħamrun;

Irriżulta li fil-15 ta' Frar 1990 il-kumitat ta' dan il-każin ittrasferixxa l-ġestjoni tal-bottegin lil Charles Oliveri u lil Joseph Schiavone;

Mill-kont esebit a fol. 23 tal-proċess jidher li sa dak it-tant il-konvenut Mallia kellu bilanċ ta' Lm926.92 għad-debitu fil-kont mas-soċjetà attriċi;

*Illi minn Frar 1990 sa Mejju 1992 tħallsu diversi akkonti* b'mod li llum il-bilanċ dovut lill-attur *nomine* huwa Lm471.92;

L-attur jippretendi l-ħlas ta' din is-somma mingħand il-konvenut Mallia. Dan, min-naħa tiegħu, qiegħed isostni li ma huwiex debitur ta' l-attur billi, *se mai,* Joseph Schiavone huwa d-debitur tas-soċjetà attriċi. Il-konvenut Mallia qiegħed jallega fid-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu hekk:

"Illi fi Frar 1992 kien sar ftehim fl-uffiċċju ta' l-attur *nomine* fil-presenza ta' Frankie Busuttil, Joseph Vella u Joseph Schiavone u l-konvenut illi l-bilanċ tad-debitu għandu jinqaleb u jiġi assunt mill-imsemmi Joseph Schiavone;

Illi ġie miftiehem illi Joseph Schiavone jibda jħallas regolarment u kull ġimgħa pagament ta' mhux inqas minn Lm5 biex jaqta' d-debitu li huwa kien assuma minflok Anthony Mallia;

Illi l-imsemmi Joseph Schiavone beda jirċievi regolarment l-*istatements of account* ta' kull xahar bil-pagamenti settimanali li kienu jsiru";

In sostenn ta' din il-pretensjoni l-konvenut xehed hu stess u ressaq bħala xhieda lill-istess Joseph Schiavone u lis-*salesman* tas-soċjetà attriċi, Mario Sciberras;

Illi min-naħa l-oħra, l-attur qiegħed jirritjeni li hu qatt ma rrikonoxxa lil Schiavone bħala d-debitur tiegħu minflok Mallia u għalhekk Mallia qatt ma ġie meħlus mid-debitu tiegħu mas-soċjetà attriċi. In sostenn ta' din it-teżi l-attur ressaq lil Frank Busuttil li hu inkarigat mill-*Accounts* tas-soċjetà attriċi u lil Joseph Vella, *Manager* ta' l-istess soċjetà;

Illi għalhekk, fil-kawża hemm ċertu konflitt fil-provi. Ma jidhirx li dan hu riżultat ta' xi qerq ta' xi ħadd mill-partijiet iżda, kif sikwit jiġri l-partijiet ma jaslux għal ftehim ċar u tond u komplet, bir-riżultat li kulħadd jimla l-vojt b'assunzjonijiet li jixtieq jew li jidhirlu li għandhom isegwu. Imbagħad, tqum l-iċken diffikultà, u l-assunzjonijiet li jkunu saru jiġi reċoprokament ikkontestati. Bħallikieku xejn titwieled kawża oħra u jsir kompitu tal-Qorti li tħoll l-għoqda li sawru l-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Illi biex taqdi dan id-dover il-Qorti trid bilfors tkun animata u trid tapplika l-liġijiet kemm proċedurali u kemm dawk sostanzjali;

Illi f'dan il-każ il-bejgħ u l-konsenja tal-merċi u l-ammont li baqa' dovut mhux qed jiġi kkontestat. Li hu assidwament ikkontestat huwa l-identità tad-debitur. Min huwa l-veru debitur ta' l-attur? Il-konvenut Mallia, kif isostni l-attur, jew Schiavone kif isostni l-konvenut;

Illi f'termini legali, il-konvenut qiegħed jallega li l-obbligu tiegħu tal-ħlas tal-bilanċ dovut lis-soċjetà attriċi spiċċa billi seħħet novazzjoni. Qed jallega li hu ġie meħlus mill-kreditur u minfloku ġie rikonoxxut mill-kreditur, debitur ġdid ċjoè Joseph Schiavone;

Illi prinċipju fundamentali tal-liġi proċedurali hu li min jallega għandu fuqu l-piż tal-prova ta' dak li jallega. Mela, hu dover tal-konvenut li jipprova b'mod sodisfaċenti li saret in-novazzjoni allegata minnu;

Illi skond il-liġi (art. 1180(2) Kodiċi Ċivili, Kap. 16) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun preżunta. Għall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni għandha tirriżulta biċ-ċar għalkemm ma hemmx bżonn li jintużaw kliem jew formoli speċjali. Hemm bżonn ukoll li jkun hemm l-inkompatibbilità bejn iż-żewġ obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni għandha tiġi eskluża. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943);

Ikkunsidrat:

Illi l-pretensjoni li saret novazzjoni hija dijametrikament kontradetta mix-xiehda ta' Franco Busuttil u Joseph Vella. Dawn it-tnejn ċaħdu li huma aċċettaw li jilliberaw lill-konvenut mill-obbligu tal-ħlas u li minfloku jirrikonoxxu lil Schiavone. Dan il-fatt bilfors li jikkreja dubju jekk verament kienx hemm novazzjoni għaliex ix-xiehda ta' dawn iż-żewġ persuni ma tistax sempliċement tiġi skartata;

Illi huwa veru li s-*salesman* Sciberras aċċetta diversi pagamenti akkont da parti ta' Schiavone. Dan għamlu bil-permess tal-*manager* Vella. Però Sciberras stqarr li direttament Vella ma qallux li Mallia se jkun b'daqshekk maqlugħ 'il barra. Sciberras stqarr ukoll li hu ħadha *"for granted"* li Mallia se jiġi eliminat billi dan qallu li se jibqgħu jħallsu Oliveri u Schiavone;

Schiavone *interalia* xehed hekk:

"Il-Qorti qiegħda tistaqsini jekk kienx hemm ftehim ma' Busuttil li Mallia jinqala' barra minn din il-kwistjoni u minfloku nidħol jiena u Oliveri għad-debitu ta' Mallia. Nirrisponi li ma kienx hemm ftehim f'dan is-sens, però Busuttil ma kienx jafu li qegħdin inħallsu aħna d-dejn ta' Mallia. Il-fatt li s-soċjetà attriċi tkellmet miegħi u rċeviet pagamenti mingħandi jġegħelni nsostni illi jiena kont rikonoxxut bħala debitur ta' dan id-dejn mas-soċjetà attriċi";

Illi kuntrarjament għal dak li ġie sostnut ma jidhirx li hemm *inkompatibbilità fl-operat tas-soċjetà attriċi* li minn banda waħda taċċetta pagamenti akkont mingħand Schiavone u mill-banda l-oħra ma taċċettax li tirrikonoxxih bħala d-debitur ġdid tagħha tant li l-irċevuti baqgħet toħroġhom fil-konfront ta' Mallia. Infatti l-artikolu 1148 tal-Kodiċi Ċivili jipprospetta l-każ ta' ħlas magħmul minn persuna li jkollha interess fid-dejn jew anke minn terza persuna u *l-artikolu 1148(1) jgħid li l-kreditur ma jistax* jirrifjuta ħlas li toffri lilu terza persuna jekk il-ħlas ikun ta' vantaġġ għad-debitur;

Illi għaldaqstant il-pretensjoni tal-konvenut, li hu nħeles mid-dejn – billi seħħet novazzjoni u daħal minfloku Schiavone, ma ġietx sodisfaċentement ippruvata. Invece, l-attur issotanzja t-talba tiegħu, limitatament għas-somma ta' Lm471.92 (erba' mija u wieħed u sebgħin lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu) fil-konfront tal-konvenut. Lill-konvenut għandhom jibqgħu riservati kull dritt li jista' jkollu fil-konfront ta' Joseph Schiavone u Charles Oliveri;

Illi jidher ġust li jkun hemm temperament fil-kap. ta' l-ispejjeż billi ma hux eskluż li s-*salesman* tas-soċjetà attriċi, Mario Sciberras seta' induċa lill-konvenut li jaħseb li hu ġie meħlus

mid-dejn meta dan l-impjegat ma kellux awtorità li jassumi li din kienet l-intenzjoni tas-soċjetà li magħha kien impjegat;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' Lm471.92, bl-imgħax kummerċjali mill-1 ta' Ġunju 1992;

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.